



Dokument ta' sessjoni

B9-0107/2023 }  
B9-0108/2023 }  
B9-0110/2023 } RC1

15.2.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0107/2023 (Verts/ALE)

B9-0108/2023 (Renew)

B9-0110/2023 (S&D)

dwar strateġija tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetitività industrijali, lill-kummerċ u lill-impjiegi ta' kwalità  
(2023/2513(RSP))

**Mohammed Chahim, Alex Agius Saliba, Dan Nica**

f'isem il-Grupp S&D

**Dita Charanzová, Valérie Hayer**

f'isem il-Grupp Renew

**Anna Cavazzini, Bas Eickhout**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Tiziana Beghin**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar strateġija tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetitività industrijali, lill-kummerċ u lill-impjiegi ta' kwalità (2023/2513(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM(2020)0103),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" (COM(2020)0301),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji – pjan ta' azzjoni ġdid" (COM(2020)0590),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" (COM(2021)0350),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi" (SWD(2021)0352),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku 2021" (SWD(2021)0351),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Lejn azzar Ewropew kompetittiv u nadif" (SWD(2021)0353),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 bit-titolu "L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida Aġġornata għall-Ewropa: allinjament tal-infiq mal-politika"<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tad-Deċennju

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0329.  
RC\1272817MT.docx

Diġitali 2030<sup>2</sup>,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2023 bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" (COM(2023)0062),
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar ir-risposta tal-UE għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 dwar strateġija industrijali ġdida għall-Ewropa<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2018 dwar strateġija ta' politika industrijali futura tal-UE,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2019 dwar strateġija ta' politika industrijali futura tal-UE: viżjoni għall-2030,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2020 dwar irkupru li jmexxi 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn industrija tal-UE aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar li nagħmlu l-irkupru ċirkolari u ekoloġiku,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-istrateġija industrijali tal-UE għandha tippermetti lill-industrija Ewropea trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u fl-istess ħin tiddefendi l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha, tippreserva l-kompetittività tagħha fis-suq globali, iżżomm livell għoli ta' impjiegi u impjiegi ta' kwalità fl-Ewropa u ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tkun innovattiva u tipproduċi fl-Ewropa;
- B. billi f'dinja ġeopolitika li qed tinbidel, huwa vitali li tissaħħaħ il-kompetittività industrijali Ewropea, titnaqqas id-dipendenza Ewropea fuq pajjiżi terzi għal materjali, prodotti u teknoloġiji kritiċi u strateġiċi, kif ukoll li tiġi pprovduta enerġija bi prezzijiet raġonevoli, nadifa u sigura għall-industriji tagħha;
- C. billi t-tellieqa globali biex jissawwar il-futur tal-manifattura tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa qed taċċellera, imħaddma minn interventi pubbliċi massivi, bħall-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni, minn setgħat globali;

---

<sup>2</sup> ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4.

<sup>3</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0219.

<sup>4</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0347.

<sup>5</sup> ĠU C 425, 20.10.2021, p. 43.

- D. billi t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE jirrikjedi taħlita ta' soluzzjonijiet differenti, inkluż it-tnaqqis tal-użu tal-enerġija u tal-materjal, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-manifattura u tal-produzzjoni tal-UE, l-investimenti f'setturi strateġiċi u r-riċerka u l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni tal-fornituri permezz ta' sħubijiet u alleanzi settorjali, u l-kunsilli tal-kummerċ u tat-teknoloġija ma' pajjiżi sħab;
- E. billi l-istrateġija industrijali tal-Unjoni għandha tiżgura wkoll il-funzjonament korrett tas-suq uniku, tevita distorsjonijiet tas-suq u toħloq kundizzjonijiet ekwi fl-UE u lil hinn minnha; billi teħtieġ ukoll sorveljanza u infurzar b'saħħithom tas-suq uniku sabiex tagħti vantaġġ kompetittiv lill-kumpaniji tal-UE u tmexxi t-tranżizzjoni globali lejn ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari;
- F. billi mhux l-Istati Membri kollha għandhom l-istess spazju fiskali għall-għajjnuna mill-Istat; billi rispons mhux ikkoordinat mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri, li għandhom spazju fiskali differenti għall-għajjnuna mill-Istat, jista' joħloq riskju ta' frammentazzjoni tas-suq uniku; billi maġġoranza kbira ħafna tal-għajjnuna mill-Istat approvata skont il-Qafas Temporanju għall-Kriżi ġiet innotifikata minn żewġ Stati Membri biss;
- G. billi l-pjan tal-Kummissjoni jirrikonoxxi li sabiex twieġeb għall-isfidi attwali, l-UE għandha tagħti aċċess aktar rapidu għal finanzjament suffiċjenti, bl-użu ta' finanzjament privat, għajjnuna mill-Istat, fondi tal-UE u Fond Ewropew ta' Sovranità ġdid li jista' jappoġġa l-istrateġija industrijali Ewropea;
- H. billi l-Parlament għandu dejjem ikollu r-rwol ta' awtorità baġitarja fi kwalunkwe ambjent baġitarju sabiex jiżgura rfiġh ta' responsabbiltà u trasparenza demokratika għall-bqija tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali;
- I. billi l-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna wrietna li l-paċi fl-Ewropa ma tistax titqies bħala xi ħaġa ċerta; billi l-konsegwenzi tagħha, inklużi ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija kif ukoll l-inflazzjoni, ħolqu taqlib ekonomiku bla preċedent u kriżi tal-għoli tal-ħajja fl-Ewropa, li l-evoluzzjoni tagħhom hija inċerta ħafna;
- J. billi l-industrija intensiva fl-enerġija, li timpjega tmien miljun ħaddiem fl-Ewropa, qed tiffaċċja prezzijiet tal-enerġija għoljin, fejn il-prezzijiet tal-gass qed ikunu madwar sitt darbiet ogħla mill-medja tul l-aħħar 10 snin, u aktar minn erba' darbiet ogħla minn daww fl-Istati Uniti;
- K. billi l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja għandhom impatt globali u rilevanti fuq il-kwalità tal-impjegi u fuq il-futur tal-industrija Ewropea fil-kuntest ta' awtonomija strateġika miftuħa u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; billi l-komunità tal-universitajiet għandha rwol ewlieni f'termini ta' innovazzjoni u riċerka fl-industrija;
- L. billi l-Unjoni għandha l-oġġettiv li tikseb kopertura ta' mill-inqas 80 % tan-negozjar kollettiv fl-Istati Membri, f'konformità mad-Direttiva dwar il-Paġi Minimi Adegwati<sup>6</sup>;

<sup>6</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar paġi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

- M. billi l-industrija tirrikjedi regoli stabbli u prevedibbli biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jiġu miġġielda prattiċi inġusti minn pajjiżi terzi u minn ġewwa l-Unjoni; billi l-UE għandha tkompli tippromwovi ekonomija miftuħa bbażata fuq kompetizzjoni ġusta fl-Ewropa u fir-relazzjonijiet tagħha mas-sħab internazzjonali tagħha;
- N. billi dan jinkludi l-konsolidazzjoni tas-sħubijiet tal-UE mal-Amerika Latina, iċ-Ċili, New Zealand, il-Messiku, il-Mercosur u sħab oħra; billi dan ifisser ukoll il-monitoraġġ ta' negozjati ulterjuri u l-konklużjoni possibbli tal-ftehim mal-Awstralja u l-isforz biex jinbdew negozjati fuq ftehim bilaterali ta' investiment mat-Tajwan kif ukoll biex is-sħubija tagħna bejn partijiet ugwali mal-Afrika tavanza aktar wara s-Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana tal-2022; billi l-politika kummerċjali tal-UE għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tagħna jiġu b'kapitoli b'saħħithom dwar l-iżvilupp sostenibbli, li jinkludu sanzjonijiet infurzabbli bħala l-aħħar alternattiva, standards tax-xogħol b'saħħithom f'konformità mal-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u impenji ambjentali u b'rabta mat-tibdil fil-klima;
- O. billi l-UE hija mexxejja dinjija fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluża l-innovazzjoni industrijali, minħabba l-istituzzjonijiet ewlenin tagħha fid-dinja, il-kumpaniji tal-ingerinija u l-forza tax-xogħol b'ħiliet għolja;
1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2023 bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti"; jemmen li l-istrateġija industrijali Ewropea għandha titfassal kemm biex tiżgura t-tmexxija Ewropea fit-teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll biex ittejjeb il-bażi industrijali eżistenti u tappoġġa t-trasformazzjoni tagħha fil-futur biex tipprovdi impjiegi ta' kwalità għolja u tkabbir ekonomiku għall-Ewropej kollha sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku;
  2. Jissottolinja l-importanza li l-Kummissjoni tiżviluppa bis-sħiħ il-Perkorsi ta' Tranżizzjoni, filwaqt li tistabbilixxi l-azzjonijiet u l-miżuri ta' appoġġ meħtieġa biex tiżgura li s-setturi kollha jżommu l-kompetittività tagħhom, filwaqt li tiddekarbonizza sabiex tikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi u tal-Patt Ekoloġiku tal-Unjoni;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin sabiex jiżguraw li l-pjan jilħaq l-oġettivi ta' awtonomija strateġika miftuħa u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, ikun verament Ewropew, jiżgura l-kompetittività tal-Ewropa, jistinka biex jiżviluppa l-kapaċità industrijali fl-Unjoni kollha u jipproteġi l-integrità tas-suq uniku, filwaqt li jiżgura li l-impjiegi jibqgħu fl-Ewropa u l-Ewropej ikollhom ħiliet adegwati biex ilaħħqu mal-isfidi attwali;

***Ambjent regolatorju prevedibbli u simplifikat***

4. Jisħaq li l-Perkorsi ta' Tranżizzjoni jridu jtejjbu ċ-ċertezza fit-tul tal-investituri u l-prevedibbiltà regolatorja, u jservu bħala linji gwida għal azzjonijiet ta' politika futuri, li, min-naħa tagħhom, iridu jorjentaw deċizzjonijiet futuri industrijali u ta' investiment;
5. Jistieden lill-Kummissjoni telabora strateġija effettiva biex l-industriji fl-Ewropa jiġu riallokati, rilokati u rilokalizzati, jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li jitqiesu l-effetti kollaterali pożittivi madwar l-Istati Membri;

6. Jinnota li se jintużaw standards Ewropej biex jippromwovu l-introduzzjoni ta' teknoloġiji strateġiċi; jemmen li l-istandards Ewropej għandhom rwol importanti ħafna fil-funzjonament tas-suq uniku u jistgħu jtejbu l-kompetittività tal-industrija Ewropea, inaqqsu l-ispejjeż u jtejbu s-sikurezza, kif ukoll iżidu l-effiċjenza produttiva u innovattiva; jenfasizza l-importanza ta' preżenza Ewropea b'saħħitha fil-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tadatta l-istrateġija industrijali tagħha dwar il-kompetittività għall-espansjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji strateġiċi fl-Unjoni biex jitnaqqas id-distakk bejn l-innovazzjoni u l-implimentazzjoni fis-suq, billi tipprovdi finanzjamenti tar-riskju għat-teknoloġija fi stadju bikri u proġetti ta' dimostrazzjoni, u billi tiżviluppa ktajjen ta' valur bikrija sabiex tipprovdi appoġġ għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero fuq skala kummerċjali u prodotti oħra ambjentalment sostenibbli fuq oħrajn;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati proċeduri rapidi ta' permess u prevedibbiltà biex jiġu stabbiliti proġetti ġodda bil-għan li jintużaw sorsi tal-enerġija nadifa u rinnovabbli u tittejjeb is-sostenibbiltà ta' dawk eżistenti malajr kemm jista' jkun, filwaqt li l-piż amministrattiv jibqa' minimu u f'konformità sħiħa mal-qafas regolatorju; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal miżuri ta' appoġġ relatati mal-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operat ta' tali proġetti malajr kemm jista' jkun;
9. Jissottolinja l-importanza ta' tranżizzjoni ġusta mmirata lejn iż-żamma ta' impjegi ta' kwalità u l-impjegi fl-Ewropa permezz ta' żieda fil-kompetittività industrijali; jitlob miżuri adegwati biex tiġi appoġġata l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u tiġi evitata d-deindustrijalizzazzjoni tar-reġjuni Ewropej permezz ta' proġetti ta' investiment interreġjonali strateġiċi u permezz ta' pjanijiet ta' żvilupp għal reġjuni vulnerabbli, b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti;
10. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha twettaq test tas-sovranià fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha sabiex tivvaluta l-impatt potenzjali tal-leġiżlazzjoni u l-fondi Ewropej fuq il-ħolqien ta' dipendenzi ġodda mhux mixtieqa, b'mod partikolari d-dipendenzi fuq ekonomiji mhux tas-suq u sħab mhux affidabbli; jitlob ukoll lill-Kummissjoni teżamina l-leġiżlazzjoni ewlenija eżistenti fi ħdan il-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni f'dak ir-rigward;

### ***Enerġija u dipendenzi***

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw provvisti tal-enerġija għax-xitwa li ġejja u joħorġu bi pjanijiet addizzjonali u ambizzjużi, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jaċċelleraw il-kapaċitajiet ta' produzzjoni għal enerġija bi prezzijiet raġonevoli, sigura u nadifa li tkun disponibbli għall-industriji tagħna u biex jiżiedu l-iffrankar tal-enerġija u l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika; jilqa', f'dan il-kuntest, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrifirma t-tfassil tas-suq tal-elettriku;
12. Jissottolinja l-importanza li jingħata bidu għas-suq tal-idroġenu, filwaqt li ssir ħidma lejn idroġenu nadif, billi jiġi vvalutat ir-rwol tad-diversi tipi tiegħu, il-produzzjoni tiegħu ssir aktar rapida u inqas burokratika, u jiġi żviluppat pjan biex tinħoloq l-infrastruttura meħtieġa bħala kwistjoni ta' urġenza;

13. Jinsisti fuq l-importanza tal-prevedibbiltà, taċ-ċertezza u tas-sinjali fit-tul għall-investituri u għal aġenti ekonomiċi oħra għall-iffaċilitar u għat-tisħiħ tal-bidliet vitali fl-ekonomija kollha;
14. Jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE billi tingħata spinta lill-kapaċitajiet tagħha fit-teknoloġiji strateġiċi ewlenin identifikati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti", kif ukoll teknoloġiji oħra li huma fundamentali għall-kompetittività industrijali Ewropea, bħat-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali; jilqa' t-tnedija tal-Alleanza Ewropea għall-Industrija Fotovoltajka Solari u tal-Pjattaforma Ewropea għal Teknoloġija Nadifa fi tmiem l-2022;

### ***Piż regolatorju***

15. Itenni l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa għall-kumpaniji, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, filwaqt li jinżammu l-ogħla standards għall-konsumaturi, il-ħaddiema u għas-saħħa u l-ħarsien tal-ambjent; ikompli jappoġġa l-prinċipju ta' "one in, one out" biex jintlaħaq dan l-għan;
16. Jappoġġa l-introduzzjoni mill-Kummissjoni ta' test tal-kompetittività bħala parti mit-tnejn tagħha ta' leġiżlazzjoni ġdida, filwaqt li jitqies li kwalunkwe valutazzjoni għandha tiegħu kont wkoll tal-protezzjoni tal-ħaddiema u tad-drittijiet soċjali u s-salvagwardji għalihom; jikkunsidra li, bħala għajnuna biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni, il-miżuri proposti fil-kuntest ta' dan il-pjan għandhom, fejn rilevanti, jispiraw u jieħdu vantaġġ minn regolamentazzjoni favorevoli għall-innovazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' innovazzjoni, biex jappoġġaw it-trasformazzjoni aktar rapida u aktar intensiva tal-assi sostanzjali ta' għarfien tal-Unjoni fl-innovazzjoni;

### ***Aċċess aktar mgħaġġel għal finanzjament suffiċjenti u l-Fond Ewropew għas-Sovranità***

17. Jenfasizza li inizjattivi, oġettivi u kompiti politiċi ġodda ffinanzjati permezz tal-baġit tal-UE, inklużi proġetti kemm madwar l-UE kollha kif ukoll dawk transfruntiera, iridu jiġu ffinanzjati b'fondi ġodda addizzjonali; jenfasizza r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP bħala opportunità f'waqtha u unika biex jiġu inkorporati kwalunkwe fondi ġodda fil-baġit tal-UE;
18. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ċara tad-diskrepanzi fil-kostijiet u fl-investiment, filwaqt li tqis ukoll l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni u l-impatt tiegħu fuq l-Unjoni kollha kemm hi u fl-Istati Membri individwali;
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-finanzjament tal-UE kundizzjonali fuq ir-rekwiżiti rilevanti marbuta mal-oġettivi tal-politika pubblika, b'mod partikolari r-rekwiżiti soċjali, ambjentali u finanzjarji, u jirrispettaw id-drittijiet tax-xogħol tal-UE, l-istandards u l-kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba, li għandhom jiġu ssodisfati mill-benefiċjarji sakemm dawn jirċievu appoġġ pubbliku, filwaqt li jiżguraw kompetizzjoni ġusta u miftuħa, kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji tagħna, u rispett għall-prinċipji fundamentali li fuqhom huwa bbażat is-suq uniku tagħna;
20. Jissottolinja li l-isfidi ġeopolitiċi reċenti li qed tiffaċċja l-Unjoni juru li l-UE jeħtiġilha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha,

inkluż fid-difiża;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħa il-programm InvestEU fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP li jmiss, f'konformita mal-obiettivi tal-Patt Ekoloġiku; ifakkar fl-importanza tar-rieżami tar-Regolament InvestEU<sup>7</sup> sabiex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ kapitali u tinħoloq tieqa addizzjonali għall-investimenti f'setturi strateġiċi sabiex jiġu megħjuna l-intrapriżi minbarra l-SMEs, kif ukoll biex jiġu appoġġati dawk li sofrew minħabba l-impatti tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija, l-inflazzjoni u dawk li jistgħu jiġu affettwati aktar mill-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni; jinsisti fuq l-importanza li titnaqqas il-burokrazija u jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' applikazzjoni biex tiżdied il-kapaċità tal-assorbiment;
22. Iqis li huwa essenzjali li l-proposta dwar il-Fond Ewropew għas-Sovranità l-ġdid tkun ibbażata fuq din il-valutazzjoni sabiex twieġeb għall-ħtiġijiet reali, tidentifika l-fondi eżistenti, inklużi l-Faċilita għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-QFP attwali, u tuża, kemm jista' jkun, il-fondi eżistenti li għadhom ma ntużawx u tipprovdi fondi ġodda; jinsisti li l-fond m'għandux jiġi ffinanzjat għad-detriment tal-fondi ta' koeżjoni jew fondi li diġà ġew impenjati;
23. Iqis li l-Fond Ewropew għas-Sovranità għandu jsahha l-awtonomija strateġika miftuħa tagħna b'mod komprensiv u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u dawk diġitali b'mod komprensiv, li għandu jiġi integrat fil-QFP bħala parti mir-reviżjoni fil-fond tal-QFP attwali, u għandu jimmobilizza wkoll investimenti privati;
24. Iqis, barra minn hekk, li l-fond għandu jiffinanzja l-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera, filwaqt li jevita effetti ta' intrappolament fuq il-fjuwils fossili, kif ukoll jiffinanzja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jsahha it-triq lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll iċ-ċibersigurtà, il-kompetittività industrijali, l-ekonomija ċirkolari, is-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp sostenibbli;
25. Iqis li l-fond għandu jżid ukoll l-investimenti Ewropej madwar l-Unjoni kollha f'setturi strateġiċi ewlenin, inklużi, fost l-oħrajn, is-saħħa, il-materja prima u l-ispazju; iqis li dawn l-investimenti huma kruċjali biex inżidu l-awtonomija strateġika miftuħa tagħna u nnaqqsu d-dipendenzi tagħna f'setturi strateġiċi;
26. Iqis li wieħed mill-obiettivi tal-fond huwa wkoll li tiġi evitata l-frammentazzjoni kkawżata mill-iskemi nazzjonali u li jiġi żgurat rispons Ewropew verament magħqud għall-kriżi attwali; jenfasizza l-vantaġġi multipli ta' tħaddim permezz tal-baġit tal-UE aktar milli permezz ta' provvista ta' għajnuna nazzjonali mill-Istat mhux ikkoordinat.
27. Jinsisti li kwalunkwe fond ġdid għandu jiġi stabbilit skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jiġi inkorporat fil-QFP, biex b'hekk tiġi żgurata s-sorveljanza sħiħa tal-Parlament; iqis li l-limiti massimi tal-QFP għandhom jiġu aġġustati biex jakkomodaw il-fondi, l-inizjattivi politiċi, l-obiettivi jew il-kompiti l-ġodda kollha finanzjati permezz tal-baġit tal-UE; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-baġit tal-UE bħalissa qed ibati minn

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).



pressjoni inflazzjonarja;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill isaħħu l-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) biex jingħata appoġġ lil skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, lill-introjtu tal-ħaddiema u lil ħaddiema li, kieku, jingħataw is-sensja temporanjament minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija;
29. Jisħaq li l-Istati Membri għandhom jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-istrumenti eżistenti tal-akkwist pubbliku ekoloġiku biex jagħtu s-setgħa lil-livelli kollha ta' governanza sabiex jagħmlu għażliet ta' akkwist intelliġenti u strateġiċi u jsaħħu l-bażi industrijali tal-UE; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni toħroġ gwida strateġika dwar l-akkwist pubbliku mill-aktar fis possibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa soluzzjonijiet ta' politika biex tinkoraġġixxi akkwist aktar sostenibbli; iqis, f'dan il-kuntest, li l-użu tal-kriterji tal-għoti soċjali u ambjentali mill-awtoritajiet kontraenti għandu jiġi estiż, peress li dan jgħin biex tiġi stimulata t-tranżizzjoni sostenibbli b'mod armonizzat u kkoordinat fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Kummissjoni tinforza bil-qawwa l-klawżola soċjali tad-Direttiva eżistenti tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku<sup>8</sup>; ifakkar li skont id-dritt attwali tal-UE, għandu jkun possibbli wkoll li jiġu inklużi klawżoli li jiżguraw il-konformità mal-ftehimiet kollettivi mingħajr ma jiksru d-dritt tal-Unjoni dwar il-kuntratti pubbliċi;
30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lis-setturi intensivi fl-enerġija fil-kapitoli tar-REPowerEU li qed jiġu żviluppati bħalissa; jemmen li l-appoġġ finanzjarju għat-tranżizzjoni ta' dan is-settur għandu jissaħħaħ, jekk ikun meħtieġ, sabiex jiġu żgurati l-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħhom fil-kuntest ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija;

### ***Għajjnuna mill-Istat***

31. Huwa ferm konvint li r-regolamentazzjoni b'saħħitha tal-għajjnuna mill-Istat fis-suq uniku hija parti essenzjali mill-benesseri ekonomiku tal-Ewropa, minħabba li tiffaċilita kompetizzjoni robusta f'kundizzjonijiet ekwi mingħajr distorsjonijiet;
32. Jisħaq li r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat tal-UE għandhom jiġu ssimplifikati u għandhom jippermettu flessibbiltajiet sabiex jintlaħqu l-oġġettivi strateġiċi tal-Ewropa; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħidma preparatorja tal-Kummissjoni dwar Qafas Temporanju għall-Kriżi u t-Tranżizzjoni, inkluż għall-kumpaniji li jipproduċu oġġetti strateġiċi, bħal teknoloġiji trasformattivi, teknoloġiji innovattivi nodfa, u għal skopijiet ta' enerġija; jisħaq li kwalunkwe flessibbiltà għandha tkun immirata, temporanja, proporzjonata u konsistenti mal-oġġettivi tal-politika tal-UE;
33. Jappoġġa lill-Kummissjoni fil-proposta ta' qafas dwar l-inċentivi fiskali li ma jirriżultawx f'distorsjoni tas-suq uniku.
34. Jisħaq, madankollu, li regoli mhux ikkoordinati dwar l-għajjnuna mill-Istat madwar l-Ewropa kollha jxekklu l-irkupru ekonomiku u jipperikolaw l-eżistenza tas-suq uniku; jemmen li l-kontrolli tal-għajjnuna mill-Istat huma maħsuba biex itejbu l-benesseri tal-

---

<sup>8</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

konsumatur u jippreservaw il-kundizzjonijiet ekwi;

35. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tqis l-effett potenzjali ta' kwalunkwe riforma tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fuq is-suq uniku;
36. Jinsab imħasseb dwar iż-żmien meħtieġ għall-ipproċessar biex jiġu stabbiliti Proġetti Importanti ta' interess Ewropew komuni, kif ukoll dwar iż-żmien twil ta' stennija għad-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-notifiki dwar l-ghajjnuna mill-Istat; jistieden lill-Kummissjoni tirriforma u toħloq konsistenza fis-sistema ta' notifika sabiex kwalunkwe notifika titlesta sa mhux aktar tard minn sitt xhur;
37. Jirrikonoxxi l-kontribut tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet<sup>9</sup> għall-funzjonament xieraq tas-suq intern u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi u tinforza l-prinċipji ewlenin tiegħu; fl-istess ħin, ihegġegħ lill-Kummissjoni tħaffef l-isforzi biex twettaq l-impenn tagħha li tirrevedi l-avviż tagħha dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE, sabiex tadattah biex jirrifletti ż-żieda fil-kompetizzjoni globali f'setturi strateġiċi ewlenin magħżula;

### ***Impjiegi ta' kwalità u ħiliet imtejba***

38. Jisħaq li l-istrateġija industrijali Ewropea għandha tikkontribwixxi għat-tiŝiħ tal-mudell Ewropew ta' ekonomija soċjali tas-suq; jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs f'dan il-kuntest;
39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjan industrijali tal-UE jkun jista' jgħin biex tinkiseb it-tranżizzjoni ġusta u l-oġettivi tagħha, inkluż il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità b'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u paga tajba, il-promozzjoni tan-negożjar kollettiv u r-rispett għall-ftehimiet kollettivi;
40. Jenfasizza l-importanza tal-aċċess għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema f'industriji u f'setturi li jeħtieġ li jgħaddu minn bidliet fundamentali bil-għan li tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; jisħaq li l-kwalifiki u l-kompetenzi ċċertifikati jipprovdu valur miżjud lill-ħaddiema, itejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, u jistgħu jiġu trasferiti fi tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol; jappella biex il-politika pubblika dwar il-ħiliet tkun orjentata lejn iċ-ċertifikazzjoni u l-validazzjoni tal-kwalifiki u tal-kompetenzi;
41. Jilqa' l-kontribut tal-pjan biex titwassal forza tax-xogħol b'ħiliet għolja għall-industrija Ewropea billi tissaħħaħ ir-rilevanza tal-ħiliet, jintużaw patti lokali għall-ħiliet, filwaqt li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' punti uniċi ta' servizz u ċentri lokali għall-iżvilupp tal-ħiliet, u l-ambizzjoni tiegħu li jisfrutta t-talent fi ħdan l-UE, u li jsaħħaħ il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera, kif ukoll li jattira ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi mhux tal-UE permezz tar-Riżerva ta' Talent Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tressaq pjan biex ittejjeb l-attraenza tal-Ewropa bħala post ta' impjieg għall-inġiniera u l-akkademiċi;
42. Jitlob li l-pjan industrijali tal-UE joħloq sinerġiji u konnessjonijiet mal-politiki ġenerali tal-edukazzjoni minħabba l-impatt għoli ta' dan is-settur; jisħaq fuq l-ħtieġa li ssir

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

koordinazzjoni mal-istrateġija Ewropea għall-universitajiet sabiex titrawwem il-kooperazzjoni mal-ekosistema industrijali, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet strateġiċi ta' riċerka u innovazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tat-taħriġ vokazzjonali sabiex ikun hemm persunal kwalifikat b'ħiliet ekoloġiċi u dawk diġitali fl-industriji;

43. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li filwaqt li l-adozzjoni ġenerali tat-taħriġ fl-UE qed tiżdied b'mod kostanti, xorta għadha b'mod konsiderevoli taħt il-mira ta' parteċipazzjoni għal 60 % tal-popolazzjoni adulta fit-taħriġ kull sena sal-2030, ukoll minħabba nuqqas ta' interess u nuqqas perċepit ta' hteieġa għaliha; jisħaq li s-sistemi ta' kumpens ibbażati fuq il-ħiliet huma għodda utli biex tiżdied l-adozzjoni tat-taħriġ;

### ***Kummerċ miftuħ u ġust għal ktajjen tal-provvista reżiljenti***

44. Ifakkar li wieħed minn kull ħames impjegi fl-Unjoni jiddependi mill-esportazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri jippromwovu sħubijiet ekonomiċi ġodda ma' pajjiżi demokratiċi, sabiex l-Unjoni u s-sħab tagħha jkunu jistgħu, fost oħrajn, jiffaċċjaw flimkien it-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa;
45. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta d-dipendenzi attwali u ssib sorsi alternattivi biex tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista tal-Ewropa għat-teknoloġiji kritiċi u l-materja prima, u jenfasizza l-hteieġa li jiġu kkoordinati aħjar kif ukoll sforzi konġunti biex jinħolqu ktajjen tal-provvista reżiljenti sabiex jiġu ssodisfati l-hteieġijiet industrijali tal-UE; jieħu nota tal-proposta li ġejja għal att dwar il-materja prima kritika;
46. Jilqa' l-istrumenti adottati matul dan il-mandat għall-ġlieda kontra l-prattiki inġusti mis-sħab kummerċjali, b'mod partikolari dwar l-akkwist pubbliku u s-sussidji barranin; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minnhom; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tadotta pożizzjoni aktar b'saħħitha dwar l-indirizzar tal-kompetizzjoni globali inġusta, bħal dik ikkawżata minn għajjnuna mill-Istat mhux ġustifikata;
47. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tipproponi "ġenerazzjoni ġdida ta' sħubijiet fid-dinja", li jagħmel użu sħiħ mill-ingranaġġ ekonomiku u politiku tal-UE mas-sħab kummerċjali attwali tagħha biex tiżgura li l-Unjoni tieħu li tista' mill-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-valuri u l-istandards tagħha, mhux l-inqas id-drittijiet tal-bniedem u l-Patt Ekoloġiku Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-istrumenti kollha tal-politika kummerċjali tal-Ewropa biex tippromwovi l-prosperità tagħha billi tfittex u toħloq sħubijiet kummerċjali ġodda u tissalvagwardja s-suq uniku minn distorsjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE;
48. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li dawn is-sħubijiet jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn industrija ekoloġika fl-UE u fil-pajjiżi sħab;
49. Jisħaq fuq il-hteieġa ta' riforma urġenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħha, tiġi ppreservata s-sistema kummerċjali globali bbażata fuq ir-regoli, tiġi evitata tellieqa għas-sussidji u l-kompetizzjoni inġusta, u jiġi żgurat li jkollna korp għas-soluzzjoni tat-tilwim li jiffunzjona biex jiġu infurzati r-regoli maqbuli b'mod multilaterali;

50. Jissottolinja l-importanza li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-Investment Dirett Barrani aktar malajr sabiex tinħoloq reżiljenza u jissaħħu l-ktajjen strateġiċi tal-provvista;

***Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni***

51. Jesprimi tħassib dwar id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni, li jiddiskriminaw kontra kumpaniji tal-UE u jħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem mal-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti biex tinstab soluzzjoni li tkun kompatibbli mad-WTO fi ħdan it-Task Force tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni; jirrikonoxxi, madankollu, l-oġjettiv tal-att li jippromwovi l-produzzjoni nadifa u l-innovazzjoni f'teknoloġiji nodfa, u li jħaffef l-isforzi klimatiċi;
52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw malajr l-impatt potenzjali tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni fuq l-industrija Ewropea u l-kompetittività tagħha, filwaqt li jqisu l-isfidi attwali fir-rigward tal-ktajjen tal-provvista taħt pressjoni u l-kostijiet għoljin tal-enerġija, tat-trasport u tal-materja prima;
53. Jinnota li xi komponenti tal-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni u l-ammont kbir ta' finanzjament mobilizzat jistgħu joħolqu sfidi għall-kummerċ u l-investment trans-Atlantiku;
54. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Uniti tal-Amerka biex tagħmel l-implimentazzjoni tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni kompatibbli kemm jista' jkun mal-interessi Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, b'mod partikolari, li l-UE tkun koperta mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni għall-pajjiżi li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni tal-kummerċ ħieles u li l-prodotti Ewropej ikunu eliġibbli għall-krediti tat-taxxa bl-istess mod bħall-prodotti tal-Istati Uniti;
55. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem ma' pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod biex tinfluwenza l-implimentazzjoni tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni, speċjalment f'setturi strateġiċi għall-ekonomija Ewropea; jissottolinja li l-UE għandha tkun lesta li tressaq ilment kontra l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni permezz tas-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim jekk il-valutazzjoni turi li l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni jkompli jkun diskriminatorju fl-implimentazzjoni tiegħu;
- o
- o   o
56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, biex tqassamha lill-parlamenti u lill-kunsilli sottonazzjonali, lill-Kunsill tal-Ewropa u lin-Nazzjonijiet Uniti.